# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 859/2012 TA**

**L-Avukat Mark Refalo għan-nom u in rappreżentanza ta' Bruno Lago [Numru tal-Passaport Taljan AA2951054]**

**Vs**

**European Insurance Group Ltd [C35708]**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Avukat Dr. Mark Refalo għan-nom u in rappresentanza ta' Bruno Lago (L-Attur) tat-28 ta' Awwissu 2012 li permezz tiegħu ppremetta u eċċepixxa s-segwenti:

1. "Premess illi l-esponenti kien impjegat mas-soċjeta intimata European Insurance Group Limited bħala Chairman u Direttur u dana s' Awissu 2010;

2. U Billi bħala Direttur fil-kumpanija intimata l-esponenti kien jirċievi paga ta' tletin elf euro fis-sena net skond skrittura datata l-1 ta' Jannar 2010, u kif jirriżulta mid-dokumenti tal-FS3 hawn annessi bħala dokument "A";

3. U Billi wara li l-Bord ta' Diretturi kienu rrisenjaw is-soċjeta intimata żammet is-servizzi ta' l-esponenti li pprovda s-servizzi tiegħu bħala Managing Director għal xahrejn sakemm ġie maħtur amministratur għall-kumpanija intimata;

4. U Billi l-esponenti ma tħallasx l-ammonti lilu dovuti għall-impjieg u servizzi reżi minnu dovuti minn Gunju 2010, u għalhekk huwa kreditur tas-soċjeta intimata fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf sebgħa mija erbgħa u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€26,774.21) konsistenti fis-segwenti:

a. Inkwantu għall-ammont ta' ħdax-il elf, mitejn u ħmistax-il Ewro (€11,215) dan huwa dovut lir-rikorrent bħala paga għal tlett xhur minn Gunju sa Awissu 2010, meta kien jokkupa l-karigu ta' Chairman u Direttur ta' l-imsemmija soċjeta;

b. Inkwantu għall-ammont ta' erbatax-il elf, disa' mija u erbgħa u ħamsin Ewro (€14,954) dan huwa dovut lir-rikorrent għas-servizzi minnu reżi bħala Managing Director ta' l-imsemmija soċjeta għal xahrejn minn Settembru sa Ottubru 2010;

c. Inkwantu għall-ammont ta' sitt mija u ħames Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€605.21) dan huwa dovut lir-rikorrent mis-soċjeta intimata għal spejjeż minnu inkorsi fl-interessi ta' l-imsemmija soċjeta bejn il- perjodu minn Gunju sa Ottubru 2010, liema spejjeż huma dovuti at tenur tad-deċiżjoni tal-membri tal-kumpanija tat-13 ta' Mejju 2010;

5. U Billi l-ammont hawn fuq imsemmi huwa ċert, likwidu u dovut bl-imgħaxx skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv;

6. U Billi għalkemm debitament interpellata sabiex tħallas l-ammont dovut, is-soċjeta intimata baqgħet inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il- kawża.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:

1. Tikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas l-ammont ta' sitta u għoxrin elf seba' mija erbgħa u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€26,774.21) flimkien ma' l-imgħax legali skond il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv;

Bl-ispejjeż inkluż ta' l-ittra uffiċjali numru 1678/2012 u l-inġunzjoni in subizzjoni tal-intimati, b'riserva għal kull ammont ieħor li talvolta tista' tkun dovuta".

Rat ir-risposta ta' Brian Tonna likwidatur tas-Soċjeta' European Insurance Group Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tal-15 ta' Ottubru 2012 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

**DIFIZA**

1. "It-talba għal kundanna ta' ħlas fir-rikors ġuramentat hija intempestiva in kwantu qed issir fi żmien il-proċess ta' l-istralċ tas-soċjeta' intimata.

2. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni hawn fuq imsemmija, is-soċjeta' intimata għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex l-attur ma talabx u

sussegwentement ottjena l-permess ta' din l-Onorabbli Qorti biex jistitwixxi din l- azzjoni kif jirrikjedi l-artikolu 224(2) tal-Kap 386, liema artikolu japplika għall-EIG *mutatis mutandis bis-saħħa tar-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings) li jipprovdi li: Without prejudice to the provisions of articles 28, 41 and 42 of the Act, a Maltese insurance undertaking shall dissolve and consequentially wind up, under and in accordance with the Companies Act.*

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur Bruno Lago kien direttur ta' l-EIG mill-April 2009 sa' Awwissu ta' l-2010 (kopji tal-Form Ks hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok.EIG1', u 'Dok.EIG2' li permezz tagħhom skond kif meħtieġ ai termini tal-Kap.386, ir-Reġistratur tal-Kumpanniji ġie nnotifikat bir-riżenja tad-diretturi, fosthom Bruno Lago) u l-EIG saret insolventi taħt il-ġestjoni tiegħu u tad-diretturi l-oħra, u dan b'riżultat ta' atti u ommissjonijiet tiegħu u ta' oħrajn. Bruno Lago m'għandux jitħallas dak li qed jippretendi u l-EIG tirriserva d-dritt li tmexxi kontriħ fir-rigward ta' l-atti u l-ommissjonijiet tiegħu.

4. Għaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talba ta' l-attur għandha tiġi miċħuda.

5. Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

6. Bl-ispejjeż.

**FATTI**

1. Fl-ewwel lok jingħad illi:

a) B'effett mid-29 ta' Settembru 2011 Brian Tonna ġie appuntat bħala stralċjarju għall-fini tal-likwidazzjoni ta' l-affarijiet tas-soċjeta' rikorrenti mill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") al termini ta' l- artikolu 28(1)(f) ta' l-Att Dwar Il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Kap.403 tal- Liġijiet ta' Malta) (kopja ta' l-ittra tal-ħatra ta' l-istralċjarju hija hawn annessa u mmarkata 'Dok EIG3').

b) Bejn is-6 ta' Awwissu 2010 u d-data tal-ħatra ta' - Istralċjarju, Deloitte, ta' Deloitte Place, Mrieħel Bypass, Mrieħel BKR3000, Malta, kienet inħatret mill-MFSA biex tieħu f'idejha l-attiv u l-kontroll tal-kummerċ ta' l-EIG ai termini ta' l-artikoli 28(1)(c) u 28(1)(d) ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l- Assigurazzjoni (kopja ta' l-ittra tal-ħatra ta' l-amministratur hija hawn annessa u mmarkata 'Dok.EIG4").

c) L-EIG ippubblikat avviż dwar l-istat ta' l-insolvenza tagħha fi tlett gazzetti ġurnalieri, magħdud fit-Times of Malta fil-21 ta' Settembru 2012, fin- Nazzjon fis-26 ta' Settembru 2012 u fl-Orizzont fit-2 ta' Ottubru 2012, kif wkoll fuq is-sit tagħha (kopji ta' dawn l-avviżi huma hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok.EIGS', 'Dok.EIG6', 'Dok.EIG7", u 'Dok.EIG8").

2. Fir-rigward tal-fatti kif esposti fir-rikors ġuramentat jingħad is-segwenti.

3. Fir-rigward ta' l-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat, l-esponenti jikkonferma li b'effett mit-30 ta' April 2009 Bruno Lago kien appuntat direttur u Chairman ta' l-EIG u li rriżenja minn dawn l-inkargi b'effett miss-6 ta' Awwissu 2010 ('Dok.EIG1' u 'Dok.EIG2'). Iżda l-esponenti ma jistgħax jikkonferma jekk Bruno Lago kienx impjegat ta' l-EIG bħala direttur u Chairman.

4. Fir-rigward tat-tieni paragrafu, l-esponenti ma jistgħax jikkonferma x'kienet il-paga fis-sena ta' Bruno Lago, Fit-tieni lok, fir-rikors ġuramentat issir referenza għal skrittura datata 1 ta' Jannar 2010 iżda dan mhuwiex wieħed mid-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

5. Fir-rigward tat-tielet paragrafu, l-esponenti jikkonferma li l-amministratur tal-kumpannija kien maħtur b'effett mis-6 ta' Awwissu 2010, id-data tar-riżenja ta' Bruno Lago (li rriżenja flimkien mad-diretturi l-oħra ta' l-EIG). M'huwiex ċar għalhekk għal xiex qiegħed jirreferi l-attur (fil-paragrafu 3) meta jgħid li wara li -membri tal-Bord ta' Diretturi kienu rriżenjaw, l-EIG żammet is-servizzi ta' Bruno Lago għal xahrejn sakemm ġie maħtur amministratur għal EIG. Qabel ir-riżenja tal-Bord (b'effett mid-data tal-ħatra ta' l-amministratur), kien biss Enzo Resciniti li ġie mneħħi bħala direttur ta' l-EIG, u dan b'effett mill-10 ta' Gunju 2010 (kopja tal-Form K annessa u mmarkata bħala 'Dok.EIG9')

6. Fir-rigward tar-raba' u l-ħames paragrafi, l-esponenti mhuwiex edott bil-fatti in kwistjoni u konsegwentement ma jistax jikkonferma jekk, qabel il-ħatra ta' l-Amministratur qatt ittieħdet xi deċiżjoni dwar ammonti dovuti lill-attur. L-attur ma jissostanzjax l-pretensjonijiet tiegħu bi prova li l-ammonti huma fil-fatt dovuti lilu. Fi kwalunkwe każ, is-soċjeta' intimata m'hi se taffetwa l-ebda ħlas lill-attur sakemm mhux b'ordni ta' din l-Onorabbli Qorti fil-każ li dan kellu jingħata.

7. Fir-rigward tas-sitt paragrafu, l-esponenti jirrispondi li s-soċjeta' intimata għarfet lill-attur bil-pożizzjoni tagħha permezz tar-risposta datata 5 ta' Settembru 2012 hawn annessa (vera kopja tar-risposta għall-ittra uffiċjali ta' l-attur iddatata 13 ta' April 2012 hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok EIG10')".

Rat is-Sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ottubru 2014 u kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Novembru 2020.

Rat l-Atti u dokumenti kollha tal-Kawża.

## Punti ta' fatti

Din hija saga, li ilha għaddejja għal dawn l-aħħar ħdax-il sena, li tirrigwarda pretensjoni ta' ħlas da parti tal-Attur kontra s-Soċjeta' konvenuta konsistenti

f'renumerazzjoni, servizzi li rrenda u spejjeż li nkorra fl-interess tas-Soċjeta' għall-perjodu li kien baqa' Direttur tas-Soċjeta' konvenuta.

Is-Soċjeta' konvenuta fost eċċezzjonijiet oħra opponiet għat-talbiet tal-Attur billi s-sollevat l-intempestivita' tal-azzjoni stante li ma ntalbitx l-awtoriżżazzjoni tal-Qorti qabel ma nbdew dawn il-proċeduri u dan ai termini tal-artikolu 224(2) tal-kap 386 tal-liġijiet ta' Malta għaliex is-Soċjeta' konvenuta kienet fi stralċ ordnat mill-Awtorita' regolatorja fid-dawl tar-regolament 10(2) tar-regolamenti dwar *Insurance Business* (*Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings*).

Jemerġi wkoll li l-likwidatur ma hux jirrikonoxxi l-kreditu tal-Attur (a' fol 97).

L-ewwel deċiżjoni ta' din il-Qorti kienet fis-sens li laqgħet l-eċċezzjoni u għalhekk illiberat lis-Soċjeta' konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju. Il-Qorti tal-Appell fis-Sentenza fuq imsemmija laqgħet l-appell tal-Attur u bagħtet l-atti lil din il-Qorti.

**Punti ta' Liġi**

Din il-Qorti hija obbligata li tiddeċiedi l-vertenza li għandha quddiemha skond is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija. Din is-Sentenza fil-parti dispositiva tagħha qalet testwalment is-segwenti:

"…tilqa' l-appell tal-Attur nomine u tħassar id-digriet tat-8 ta' Ottubru 2013 u s-Sentenza tat-28 ta' Ottubru 2014 u tibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smiegħ billi fl-ewwel lok tiddeċiedi jekk l-attur nomine għandux jingħata l-permess sabiex ikompli bil-kawża."(emfażi ta' din il-Qorti).

Dan ifisser li l-awtorizzazzjoni msemmija, hija preordinata għas-smiegħ fil-mertu. Iġifieri din hija l-kwistjoni legali li għandha quddiemha din il-Qorti sa fejn jirrigwarda din is-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Fid-dawl ta' dak li għadu kemm intqal aktar l-fuq u minħabba l-fatt li din il-kawża tħalliet għal deċiżjoni fuq it-tieni eċċezzjoni, din il-Qorti sabet ruħha f'salib it-toroq. Dan għaliex, l-eċċezzjoni hi fis-sens li l-Attur kellu **l-ewwel u qabel** kollox jikseb mill-Qorti sabiex jibda l-proċeduri odjerni, kif fil-fatt iddeċidiet l-ewwel Qorti. Imma l-Qorti tal-appell, bis-Sentenza tagħha, bidlet ix-xenarju legali. Iddikjarat, li dan il-permess jista' jingħata minn dik il-Qorti li quddiemha tkun **diġa'** inbdiet l-azzjoni fil-mertu, tant li fis-sentenza tagħha anke rrevokat id-digriet tat-8 ta' Ottubru 2013, li permezz tiegħu l-Attur kien talab dan il-permess u ġie miċħud. Dan ifisser li dak li għandha quddiemha din il-Qorti ma hux l-istess xenarju li kellha meta ingħatat l-ewwel Sentenza, imma differenti għad li l-Qorti tal-Appell idderiġiet lil din il-Qorti **biex tikkonsidra għandhiex tagħti dan il-permess.** Iġifieri *ex nunc* u mhux *ex tunc* għall-azzjoni li qed tkun esperita.

Imma anke b'ommaġġ lejn il-prinċipju tal-audi alteram partem u smiegħ xieraq, din il-Qorti ma tistax tagħti jew ma tagħtix dan il-permess mingħajr ma tisma' il-minimu ta' provi mill-partijiet. Jekk ma tagħmilx, hekk apparti li tkun qed tmur kontra l-imsemmija prinċipji tkun ukoll qiegħda tmur kontra l-iskop li għaliħ huwa intiż l-atikolu 224(2) tal-Kap 386 tal-liġijiet, skop li huwa spjegat tajjeb ħafna fin-nota tal-likwidatur preċedenti fejn fost oħrajn jikkwota dak li jgħid **Profs Ian Fletcher fil-ktieb tiegħu "The Law of Insolvency"** (a' fol 80).

Dawn il-Qrati jgħallmu wkoll, li "*L-iskop ta' dan l-artikolu tal-ligi hu biex jigi mizmum l-istatus quo tal-kredituri tal-kumpanija li tkun fi stralc u biex ebda kreditur ma jipprova jiehu xi vantagg specjali billi jipprocedi unilateralment kontra kumpanija fi stat ta' stralc ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu (u l-Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 15 minn 17 Qrati tal-Gustizzja eventwali registrazzjoni ta' privilegg gudizzjarju kontra l-kumpanija) bi hsara tal-kredituri l-ohra*" (ara **Sentenza tal-Appell Superjuri tat-30 ta' Lulju, 2010 fl-ismijiet Mediterranean Flower Products Limited -vs- Flower Power (Sales) Limited et** ).

**Andrew Keay u Peter Walton fil-pag 248 sa 251 tal-ktieb tagħhom "Insolvency Law" (Pearson Education Limited – 2003**) b'referenza għall-artikolu 130 tal-liġi Ingliża, li huwa simili għal dak tagħna (il-liġi tagħna hija imfassla fuq dik Ingliża), jgħidu hekk :-

*"The rationale for this is that it is not appropriate for the liquidator to be harassed by litigants, which would diminish the estate of the company; rather the liquidator is to preserve the limited assets of the company for distribution among all the persons who have claims upon them (In re David Lloyd & Co – 1877 – 6 Ch D 339 at 344). Later cases have also indicated that the provision is intended to oblige all claimants to submit to the procedural scheme established in winding up. It is less expensive and more orderly if any claims against the company can be dealt with in the usual way that is used for the proving of claims (Ogilvie Grant v East – 1983 – 7 ACLR 669 at 672).*

*So the objects of Sec 130(2) are: to avoid the inconvenience and expense of litigation; and to oblige all claimants to submit to the procedural scheme established in winding up ... Whether leave to proceed will be granted will depend very much on each case`s facts (In re Kentwood Constructions Ltd – 1960 0 1 WLR 646). It is certainly not granted readily.*

*It is quite clear that the courts will not engage in a consideration of the merits of a claim against a company (Re BCCI No 4 – 1994 – 1 BCLC 419). If a party does proceed without securing leave, any claim or other originating process initiated following the beginning of winding up and served on the company is a nullity (Roberts Petrolium Ltd vs Bernbard Kenny Ltd – 1983 – 1 All ER 564). An applicant for leave must establish that there is a serious or substantial question to be tried (Vagrant Pty Ltd (in liq) v Fielding – 1993 – 11 ACLC 411 ; 1993 – 10 ACSRT 373) and it must be affirmatively established that the claim has a solid foundation.*

*So leave is not granted where the applicant`s claim is futile. In determining whether to grant leave the courts have an absolute discretion, and an appellate court will not readily interfere with the exercise of a discretion (Thomas Plate Glass Co v Land & Sea Telegraph Construction Co – 1871 – 6 Ch App 643 ; Re Pacaya Rubber & Produce Co – 1913 – 1 Ch 218 CA).*

*There are not a lot of guidelines for courts in the exercise of the discretion. It has been said that courts are to do what is right and fair in all circumstances (Re Aro Co Ltd – 1980 – Ch 196 ; Re Exchange Securities & Commodities Ltd*

*– 1983 – BCLC 186 at 195 ; Canon [Scotland] Business Machines Lts, Noter – 1992 – BCC 620 ; 1993 – BCLC 1194).*

*Other factors which have said to be important in determining whether leave should be granted are "the amount and seriousness of the claim, <u>the degree of complexity of the legal and factual issues involved, and the stage to which the proceedings</u>, if already commenced, may have progressed" (Ogilvie-Grant v East – 1983 – 7 ACLR 669, 672 per McPherson J).*

*In considering an application <u>courts will examine whether there is good cause of action</u>, whether the action will affect the orderly winding up of the company and whether any action would prejudice the other creditors (Re Gordon Grant and Grant Pty Ltd – 1982 – 1 ACLC 196 ; 1982 – 6 ACLR 727).*

*The court may extend leave to a creditor to prosecute or initiate legal proceedings and impose conditions, such as the usual requirement that the creditor will not attempt to enforce against the company any judgement obtained without the leave of the court (Re Gordon Grant and Grant Pty Ltd – 1982 – 1 ACLC 1996 ; 1982 6 ACLR 727 ; Re Coastal Constructions Pty (in liq) – 1994 – 13 ACSR 329)*

*... It appears that the cases where leave has been granted are able to be placed under two principal headings. First, where the nature of applicant`s claim demands leave ... Second, where the balance of convenience and the requirements demand that leave be given ... The question would have to be fundamentally one of expedience and convenience, and leave will not be*

*granted where the proposed action raises issues which are able to be dealt with in the liquidation proceedings with equal convenience and less delay and expense (Re Exchange Securities & Commodies Ltd - 1983 – BCLC 186 at 196) ... any claims which are likely to be more difficult ... or more expensive ... to settle in winding up rather than by action at law are usually allowed to proceed ...”* (Emfażi tal-Qorti). Il-partijiet imfasiżżati minn din il-Qorti kollha huma indikattivi, li xi xorta ta' smiegħ dejjem irid ikun hemm. Il-Qorti tfakkar li s-smiegħ li sar sa issa kien fuq jekk kellux ikun hemm awtoriżżazzjoni qabel ma bdiet il-Kawża, mentri issa jekk għandiex tagħti dik l-awtoriżżazzjoni. Issa jekk il-partijiet iridux jistrieħu fuq il-provi li diġa' hemm fl-atti jew iridux jresqu xi provi oħrajn hija kwistjoni għal kollox differenti. Imma smiegħ fuq jekk għandiex din il-Qorti għandiex tagħti l-awtoriżżazzjoni msemmija għandu jkun hemm dejjem, anke għall-formalita'.

Anke l-istess Qorti tal-Appell tosserva li *“Il-ħtieġa għal dik l-awtorizzazzjoni hi sabiex kumpannija ma tispiċċax b'ħafna kawzi kontriha li ovvjament ifissru wkoll spejjeż li jnaqqsu mill-assi tal-kumpanija a skapitu ta' kredituri tal-kumpanija, u f'ċertu każijiet bla bżonn. Mingħajr dik il-proċedura kumpanija fi stralc taf tkun soggetta għall-proċeduri li jpoggu piz finanzjarju fuqha u li jieħdu ż- zmien u jtawwlu bla bzonn il-proċess ta' stralc, u li eventwalment jafu jkunu inuti. Il-Qorti tifhem li sabiex jingħata dak il-permess għandu jkun hemm kontroversja vera bejn il-partijiet u ma jingħatax meta jkun evidenti li l-pretensjoni ma tkunx genwina u fiergħa. Ovvjament dan l-eżerċizzju għandu jsir b'mod li jkun kompatibbli mad-dritt ta' persuna li jkollha aċċess għall-Qorti”.*

Għalhekk kif tista' din il-Qorti tagħti l-kunsens jew tirrifjutaħ f'dan l-istadju jekk qabel ma tisma imqar il-minimu tal-provi dwar id-diverbju bejn il-partijiet partikularment, il-għala ma hux ikun qiegħed jiġi rikonoxxut l-kreditu tal-Attur da parti tal-likwidatur. Il-Qorti trid ukoll tfakkar, li dan huwa importanti għaliex fl-aħħar mill-aħħar, iċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni tfisser effettivament it-terminazzjoni tal-pretensjoni tal-Attur, tenut kont tat-trapass ta' żmien minn fuq din il-Kawża.

Għalhekk, f'dan l-istadju din il-Qorti tqies, li għadu prematur biex tiddeċiedi, jekk għandhiex tagħti l-awtorizzazzjoni li qed tkun mitluba u dan qabel ma l-partijiet jiddikjaraw, għandhom aktar provi xi jressqu apparti dawk diġa' prodotti. Għal dan l-iskop il-Qorti ser tkun qed tiffissa numru limitat ta' seduti sabiex dawn il-proċeduri ma jibqgħux jiġu prolungati bla bżonn.

**<u>Decide</u>**

Għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti qed tipprovdi dwar il-vertenza billi, f'dan l-istadju tastjeni milli tiddeċidiha definittivament, jekk mhux wara li tkun semgħet il-provi dwarha, dejjem jekk il-partijiet jidhrilhom li huwa l-każ. Għalhekk għal dan l-iskop, ser tkun qed tiffissa numru limitat ta' seduti sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal għad-deċiżjoni jekk għandhiex tingħata l-awtorizzazzjoni li qed tkun mitluba.

Spejjeż jibqgħu riservati għal mas-Sentenza definittiva.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**